MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Appell Civili Numru. 692/2011/1

**CAPRICE GLASS WORKS LTD. (C-44518)**

**Vs**

**ANTHONY U ERMINIA konjugi CARUANA**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, fejn it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"It-Tribunal:-*

*Ra l-avviz li permezz tieghu t-Tribunal huwa mitlub li jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' sitt mija u sitta u sittin ewro u sebghin centezmu (€666.70) rapprezentanti din is-somma prezz ta' merca mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti u dank if jirrizulta mill-invoices (dokumenti Dok A u B); bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.*

*Ra r-risposta fejn il-konvenuti ecceppew illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; illi mhumiex minnu illi huwa dovut l-ammont ta' sitt mija u sitta u sittin ewro u sebghin centezmu (€666.70), stante illi l-konvenuti diga hallsu l-ammont ta' hames mitt ewro (€500); illi ghalkemm huma*

*qatt ma gew interpellati ghall-hlas, huma lesti li jhallsu l-bilanc ta' mija sitta u sittin ewro u sebghin centezmu (€166.70) ghas-saldu ta' kull pretensjoni attrici; illi in kwantu s-socjeta' attrici qatt qabel ma kienet interpellat lill-esponenti ghall-hlas, l-istess esponenti qed jipprotestaw ruhhom minn issa ghall-ispejjez kollha; salv eccezzjonijiet ulterjuri; bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li r-rapprezentant taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

*Sema' x-xhieda ta' Stefan Fenech u Dorianne Scicluna ghas-socjeta konvenuta u sema' x-xhieda tal-konvenuti Erminia u Anthony Caruana*

*Ra l-atti kollha tal-kawza.*

*Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar it-12 t'Ottubru, 2012 li bih il-kawza thalliet ghas-seduta ta' llum ghas-sentenza.*

***Ikkunsidra:***

*It-talba odjerna hija ghall-hlas ta' merkanzija moghtija lill-konjugi Caruana mis-socjeta attrici. Ma giex kontestat il-fatt li ghal-sentejn infila, l-konjugi Caruana kienu marru l-fabbrikka tas-socjeta' attrici u hadu merkanzija pero' skont il-konvenuti dan kien inghata lilhom minghajr talba ghall-hlas.*

*Mix-xhieda irrizultaw is-segwenti fatti:*

*Stefan Fenech (direttur tas-socjeta' attrici) iddikjara illi waqt li kien qed jiccekkkja invoices induna illi fis-sena 2009 kien hemm invoices tal-konjugi Caruana li ma thallsux u ghalhekk kellha issir il-kawza.*

*Erminia Caruana ddikjarat illi fis-sena 2009 hi u r-ragel kienu ser isiefru. Kienu marru il- fabbrika tas-socjeta' attrici fejn kienet tahdem it-tifla taghhom Dorainne Scicluna biex jaghzlu prodotti ghall-hbieb li kienu ser jzuru. It-tifla taghha sahansitra ghenitha biex taghzel l-affarijiet. Meta gew biex ihallsu t-tifla kienet qaltilhom li ma kellhom jaghtu xejn u wara kienu rringrazzjaw lis-sur Fenech u kienu sahansitra xtrawlu rigal.*

*Is-sena ta' wara fil-2010 kienu ghamlu l-istess imma fil-fatt din id-darba il-konvenuti ddikjaraw illi ma kinux accettaw li ma jhallsux u kienu taw il-flus lit-tifla "ara x'hemm xi naghtu ghall-affarijiet u il-kumplament tista' zzommu ghalik"*

*Irrizulta illi Dorianne Scicluna, bint il-konvenuti, hija ukoll il-partner ta' Stefan Fenech (u mieghu llum ghandha wild). Ghalhekk din hija kwistjoni bejn membri tal-istess familja ossia il-genituri u t-tifla u l-partner taghha. Illi hemm qbil dwar il-fatt li ghazlu u hadu il-merkanzija pero' sfortunatament m'hemmx qbil fuq aktar. Ghalhekk it-Tribunal ghandu*

*jikkonsidra kunflitt ta' verzjonijiet: fuq naha l-ġenituri li jiddikjaraw illi qatt ma nghataw invoices ghaliex l-affarijiet inghatawlhom b'xejn u anke fil-kaz tat-tieni xirja li kienu ghamlu kienu taw somma ta' hames mitt ewro (€500) fejn qalu lit-tifla biex izzomm il-bilanc. Min-naha l-ohra Stefan Fenech, id-direttur, li jiddikjara li qatt ma thallas tax-xoghol u Dorianne Scicluna li tichad kategorikament in kontro-ezami li rcieviet is-somma ta' hames mitt ewro (€500) imma kienet ircievit minn ghandhom is-somma ta' tliet mija wiehed u sebghin ewro (€371) biex thallas l-avukat taghha ghall-kwistjoni ohra.*

*Illi meta t-Tribunal ghandu quddiemu kunflitt ta' provi ghandu jara min huwa l-aktar kredibili . Ara* ***Farrugia vs Farrugia***[1] *fejn intqal li:-*

*"l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

*Illi hareg ukoll mix-xhieda ta' Dorianne Scicluna, illi wara li gew lura mis-safar hi kienet infurmat lill-genituri taghha li kien ser ikollha tarbija. Minn dakinhar thassru r-relazzjonijiet bejn il-partijiet. Illi kif gie minnha ddikjarat il-partijiet waqfu jitkellmu minn dakinhar 'l hawn. Sfortunatament jidher illi ghalhekk saret din il-kawza.*

*Fic-cirkostanzi t-Tribunal huwa tal-fehma illi t-tesi tal-konvenuti huwa l-aktar kredibbli. Illi l-konvenuti qalu li qatt ma rcievew invoices u lanqas biss kienu jafu kemm kien jiswa. Qalu ukoll li kienu taw rigal lil Stefan Fenech. Iddikjaraw illi kien biss f'Lulju 2011 li saru jafu li kien hemm pendenzi u li Stefan Fenech kien qed jippretendi hlas. It-Tribunal jemmen lill-konvenuti meta jghidu li kien sar hlas lit-tifla biex thallas ghall-affarijiet u temmen ukoll illi meta kien hemm relazzjonijiet tajba s-sur Fenech ma kellux intenzjoni jiehu flus minn ghandhom. Dan inbiddel meta thassret ir-relazzjoni bejn il-partijiet.*

---

[1] (P.A. - 24 ta' Novembru, 1966) Ara ukoll **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** (P.A.(TM) - 30 ta' Ottubru, 2003)

*Huwa ormai maghruf li l-ligi li bih twaqqaf it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) tipprovdi li t-Tribunal ghandu jaqta' kull kaz quddiemu principalment skont l-ekwita'. Illi a bazi ta' dak li sema' t-tribunal ihoss ghalhekk illi fil-kaz ta' l-ewwel invoice kien jidher illi kien hemm ftehim illi ma kienx ser jkun hemm hlas u ghalhekk kien inxtara rigal. Issa semplicament ghax nbiddlu c-cirkostanzi bejn il-partijiet, wiehed ma jistax jbiddel il-hsieb. Fil-kaz tat-tieni invoice japplika ukoll l-istess ragunament imma pero' hawn hekk il-konveuti stess iddikjaraw illi m'accettawx illi l-merkanzija tinghata lilhom b'xejn u li kienu taw somma flus lit-tifla. Ghaldaqstant meta hallsu lit-tifla (bhala impjegata tas-socjeta attrici) bil-ftehim li hi thallas ghall-merkanzija hi kellha d-dover li tnaqqas l-ammont allegatament dovut. Ghalhekk il-konvenuti m'ghandhomx jergaw ihallsu dan l-ammont.*

*Għal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' il-kawza u jiddisponi mit-talbiet tal-attur billi jichad it-talbiet attrici.*

*Bl-ispejjez tal-kawża jigu ssopportati mis-socjeta' attici".*

Bl-appell minnha introdott fil-konfront ta' din is-sentenza s-soċjeta attrici appellanti ressqet l-aggravji illi t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat kemm tal-fatti kif ukoll tal-ligi.

Illi ghal dina il-lanjanza, l-konvenuti appellati jissollevaw in-nullita ta'l-appell interpost u dana billi isostnu illi l-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jillimita d-dritt ta'appell li jista jigi interpost minn decizjoni tat-Tribunal u dana ghall-erba cirkostanzi li jikkoncernaw il-gurisdizzjoni tat-Tribunal, il-preskrizzjoni, is-sospensjoni tal-proceduri mit-Tribunal ai termini ta'l-artikolu 7(2) ta'l-istess Att, kif ukoll in-nuqqas ta' osservanza tad-dettami ta'l-imparzjalita u ekwita li ghandhom jirregolaw il-proceduri quddiem it-Tribunal. Jikkontendu illi l-aggravvju sollevat mis-socjeta appellanti ma jinkwadra ruhu taht l-ebda wiehed minn dawn l-erba sitwazzjonijiet u kwindi isostnu illi l-appell huwa irritu u null.

Illi l-Qorti ser tghaddi ghalhekk qabel kull konsiderazzjoni ohra sabiex tezamina dana il-pregudizzjal sollevat mill-appellati billi jekk l-istess huwa fondat allura kwalunkwe ezercizzju ulterjuri marbut mal-mertu ta' dan l-appell ikun wiehed inutli.

Illi, fil-kors tat-trattazzjoni orali tieghu fil-jum tas-smigh ta'l-appell, id-difensur tas-socjeta appellanti fisser l-aggravvju sollevat minnha bhala wiehed li jinkwadra ruhu fid-dispost ta'l-artikolu 8(2)(d) u dana billi l-appell fil-mertu ma huwiex moghti mill-ligi ghal kaz in dizamina billi l-ammont mitlub huwa inqas minn 1164.69ewro u dana kif stabbilit fis-sub-inciz (3) ta'l-imsemmi artikolu tal-ligi. Dana ghaliex, isostni, illi meta t-Tribunal ghazel li jemmen il-verzjoni

tal-fatti kif esposta mill-konvenuti u mhux mis-socjeta attrici huwa kien qieghed imur kontra d-dettami ta'l-ekwita', izda imbaghad iktar 'il quddiem fl-argumentazzjonijiet imressqa, huwa jikkritika is-sentenza appellata ghaliex it-Tribunal ta' wisq piz lill-ekwita u dana a skapitu tal-ligi li kellha tigi applikata ghal kaz in dizamina. Il-Qorti ma tistax tara hlief kontradizzjoni legali f'dina il-linja difenzjonali li minn naha 'il wahda is-socjeta appellanti tilmenta illi hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 8(2)(d), imbaghad fl-istess nifs targumenta illi kien hemm osservanza zejda tal-principju ta'l-ewkita minn naha tat-Tribunal.

Bhala punt ta' tluq ma jkunx inopportun jekk jigi ribadit dak bosta drabi osservat mill-Qrati illi "***hafna mid-disposizzjonijiet procedurali huma essenjzalment mizuri ta' dixxiplina jew ta' sikurezza processwali li mill-osservanza taghhom jibbenifika imbaghad in generali l-andament kif imissu kif jixraq tas-sistema kollu. Waqt li il-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat, m'ghandux pero` lanqas jidhol u jigi nkoraggiet permissivizmu ingustifikat***" – Francis T. Gera nomine – vs- Ed. Camilleri et. – Appell Sede Inferjuri 14 ta' Frar 1973.

Issa fil-kors tas-smigh tal-kawza, is-socjeta appellanti kellha l-opportunita' kollha biex tressaq il-provi in sostenn tat-talbiet taghha fid-dawl ta'l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti. It-Tribunal ghamel evalwazzjoni ta' dawk il-provi u wasal ghal konkluzjoni tieghu abbazi ta' dak kollu li kien hemm fl-atti. Il-fatt illi is-socjeta appellanti sokkombenti ma qabblitx ma din l-evalwazzjoni ma taghtihiex il-jedd illi titlob apprezzament mill-gdid minn dina l-Qorti ta' revizjoni abbazi tal-allegazzjoni illi it-Tribunal ma osservawx il-principji ta'l-ekwita meta imbagahd fl-istess nifs jilmenta mill-fatt illi it-Tribunal mexa fuq id-dettami ta'l-ewkita, izda applika il-ligi hazin jew inkella skarta l-ligi kompletament. Illi fis-sentenza "**Grima Communications Company Limited vs Victor Said**" deciza fil-15 ta' Mejju, 2002 mill-Qorti ta' l-Appell kif diversament presjeduta l-Qorti qalet:

"**Id-dritt ta' appell fit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar ma jestendix ghal kazijiet fejn hu allegat li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi mit-Tribunal hlief fejn dan esplicitament provdut [Ara RAF Limited vs Vella Joseph deciza fid-9 ta' Mejju, 1997 – Imh J Said Pullicino]. "Hu car li kull rikors ta' appell li ma jkunx jaqa' fil-parametri ta' xi wahda minn dawn is-subincizi [8 (2) (a) sa (d)] jkun irritu u null u ghandu jigi skartat minn din il-Qorti. Inoltre ghandu jkun car mill-istess rikors ta' l-appell illi l-appellant kellu jhossu aggravat bid-decizjoni tat-Tribunal inkwantu kienet tivvjola xi wahda mis-subincizi fuq elenkati kif dispost l-artikolu 8 ta' l-istess Att V ta' l-1995." – Aggravji principalment bazati fuq allegata interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi li bl-ebda mod ma huma marbuta u addebitati lil xi nuqqas ta' imparzjalita' tat-Tribunal jew ma' xi**

**allegazzjoni li dan mar kontra d-dettami ta'l-ekwita' kif trid il-ligi ma jaqghux fil-parametri tal-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 380**."

Stabbilti kwindi dawn il-principji regolatorji dwar il-procedura riservata ghal kawzi quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zaghar u ghall-appell interpost mid-decizjonijiet tieghu, ghandu jirrizulta b'mod car u skjett illi l-appell kif interpost mis-socjeta appellanti ma huwiex moghti skond il-ligi. Ibda biex fir-rikors promotur ghal dina l-istanza minn imkien ma johrog l-gravam kif imfisser fl-artikolu 8(2)(d), billi s-socjeta appellanti tfisser l-aggravvju uniku taghha bhala wiehed ta' apprezzament hazin tal-provi u tal-ligi u fl-ebda parti minn dana l-att ma tissemma l-ekwita jew il-ksur ta' dana il-principju. Meta imbaghad is-socjeta appellanti, fid-dawl tar-risposta ta'l-appell irrealizzat illi dak sottomess mill-konvenuti appellati kien fondat, fil-kors tas-smigh ta'l-appell biddlet in-natura tal-aggravvju taghha f'wiehed ta' nuqqas ta' osservanza tal-principju ta'l-ekwita billi tallega illi t-Tribunal ma tax bizejjed piz lix-xhieda imressqa mis-socjeta appellanti kif ukoll billi ma applikax il-principji legali ghall-allegazzjoni maghmula mill-konvenuti dwar it-tpacija u id-donazzjoni, izda mexa fuq il-principji ta'l-ekwita. Illi minn dana kollu huwa car illi s-socjeta appellanti ma mxietx fuq binarju wiehed fl-appell minnha interpost, izda qed tipprova tiggranfa ma' kull aspett legali u procedurali sabiex issalva is-sitwazzjoni taghha billi timxi minn fuq argumentazzjoni wahda ghall-ohra li f'certi aspetti taghhom huma sahansitra kontradittorji. Illi meta wiehed ighasar l-lanjanzi tas-socjeta appellanti isib illi l-ilment taghha huwa wiehed u cioe' nuqqas ta' qbil ma'l-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal fid-decizjoni tieghu u xejn iktar billi qatt ma' jista dan l-aggravvju jittraduci ruhu fil-ksur tal-principji ta'l-ekwita iktar u iktar meta t-Tribunal qed isostni fis-sentenza tieghu illi qed japplika id-dettami ta'l-ekwita sabiex jasal ghad-decizjoni tieghu u dana x'aktarx minhabba il-fatt illi quddiemu kellu zewg verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tiddikjara dan l-appell bhala irritu u null, kwindi tghaddi biex tichad l-appell interpost mis-socjeta appellanti u tikkonferma s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mis-socjeta appellanti.

## < Sentenza Finali >

----------------------------------TMIEM----------------------------------